MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 273/2005

**Carmel Bruno**

**vs**

**Ferdinand Grech u Infomate Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab il-kundanna li jigi mhallas s-somma ta' elf mija u erbgha u sebghin Lira Maltin u wiehed u sittin centezmi (LM1174.61) rapprezentanti f'konsum tal-ilma u elettriku li huma ghamlu fuq kont tal-Enemalta li qieghed fuq l-isem tal-attur, bejn 1992 u l-14 ta' Lulju, 2004 fil-fond Mercury House, Triq Testaferrata Msida.

Ra r-Risposta tal-konvenuti li sollevaw:

1) Illi l-pretensjoni attrici in parte hija preskritta;

2) illi m'hemm ebda persuna bl-isem Infomate u ghalhekk ghal dak li jirrigwarda dan il-konvenut l-avviz huwa null;

3) Illi qabel xejn l-attur irid jipprova li huwa hallas dawn il-kontijiet;

4) illi l-attur irid jipprova ukoll min kien li kkonsuma s-servizz tad-dawl u ilma fil-perjodu indikat minnu.

5) Illi ghal dak li jirrigwarda l-konvenut Ferdinand Grech l-pretensjoni attrici ghandha tigi respinta stante illi huwa ma ikkonsuma dan is-servizz ta' dawl u ilma.

Ra lli b'digriet tat-12 ta' Gunju, 2005 giet ordnata korrezzjoni fis-sens lli fl-okkju wara l-kelma 'Infomate' tizdied il-kelma 'Limited';

Ra u sema' x-xhieda ta' Joseph Caruana, Joseph Sultana, Ferdinanad Grech u Carmel Bruno:

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-Atti tal-kawza;

Sema' t-trattazjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza tirrigwarda akkumulazzjoni ta' kontijiet ta' konsum ta' dawl u elettriku li kienu f'isem l-attur izda meta il-fond ta' Mercury House, Triq Testaferrata, Msida kien okkupat minn terzi persuni peress illi hu kien ilu ma jokkupa il-fond mill-1992.

Skond ix-xhieda tal-attur Carmel Bruno, huwa jghid illi huwa kien ttermina l-kirja tal-fond fl-1992 u ghalkemm huwa haseb illi kien ittrasferixxa l-arlogg tad-dawl u ilma minn ismu deher illi fil-fatt ma kienx ghamel hekk.

Illi huwa sar jaf bil-kontijiet pendenti fl-2005 meta l-Enemalta kienu kkuntatjawh fir-residenza tieghu u gheddewh illi ha jaqtghu d-dawl u ilma tal-abitazzjoni

tieghu f'Gharghur. Ix-xhud jghid illi meta hu kien jokkupa l-fond fl-Imsida dejjem kien ihallas il-kontijiet. Minn dokumenti prezentati jidher illi l-kontijiet sal-1992 gew imhallsa minnu.

Ix-xhud zied illi warajh kienu dahhlu l-Infomate Limited li operaw mill-istess fond. Hu kompla jghid illi wara li kien telaq mill-fond il-kontijiet baqghu jintbaghtu Mercury House izda hadd ma kien jghaddilu dawn il-kontijiet. Fix-xhieda ta' Bruno huwa jghid illi Ferdinand Grech sid il-post kien qallu illi kienet is-socjeta' Infomate Limited li kienet qieghda tikkonsuma dawl u elettriku.

Illi qabel dak iz-zmien hu makienx jaf b'xejn u qatt ma rcieva xi kontijiet ta' Mercury House. Kien biss fl-2005 li sar jaf bil-kontijiet mill-Enemalta.

Skond ix-xhieda ta' Joseph Caruana rapprezentant tal-Enemalta il-kontijiet kienu jintbaghtu a bazi ta' stimi kif ukoll attwali. L-ahhar kont attwali kien f'Marzu 2002.

Fix-xhieda ta' Ferdinand Grech sid il-fond Mercury House fl-Imsida, ikkonferma li l-attur kien telaq fl-ahhar tal-1929 u jghid illi huwa ma kienx jaf illi l-attur kien qieghed jircievi kontijiet mill-Enemalta. Jghid illi kien ircieva telefonata mill-Enemalta dwar kontijiet li jsejjhu lil-attur u dawn il-kontijiet kienu qieghdin jintbaghtu f'Mercury House izda l-Enemalta kienu qieghdin jircievuhom lura bhala posta mibghuta lura lil-mittenti. Wara li kien telaq l-attur il-fond kien okkupat minn Infomate Limited izda din is-socjeta' fil-bidu kienet tokkupa l-ewwel u t-tieni sular tal-bini. Il-konvenut qal ukoll illi hu stess qatt ma kien okkupa l-fond fil-bini ta' Mercury House.

Skond ix-xhieda ta' Joseph Sultana rapprezentant ta' Infomate Limited jghid illi s-socjeta' Infomate qatt ma uzat l-arlogg li kien f'isem l-attur u spjega lli s-socjeta' kienet ghamlet *inter connection* minn sular ghall-iehor peress illi din kienet intrapriza wahda u riedu arlogg wiehed. Din *l'inter connection* kienet saret minghajr ma gew mitluba permessi mill-awtoritajiet relattivi. Ix-xhud jghid illi l-

kontijiet li kienu jircievu f'isem Carmel Bruno mill-Enemalta kienu jibghatuhom lura.

It-Tribunal huwa konvint illi Carmel Bruno kien nesa jekk kienx dawwar l-arlogg minn ismu ghal terzi persuni, u huwa konvint illi l-ewwel darba li ntebah bil-kontijiet mill-Enemalat kien meta rcieva theddida mill-Enemalta fl-2005 li jaqtghula d-dawl u ilma tar-residenza tieghu.

It-Tribunal huwa konvint illi fl-assenza tal-attur mill-fond Mercury House, Msida xi hadd kien ikkonsuma id-dawl u elettriku mill-arlogg li jsejjah lill-attur. It-Tribunal jfirrilleva lli l-kontijiet ma kienux biss ta' kera izda ta' konsum.

It-Tribunal huwa konvint illi Ferdinand Grech ghalkemm sid il-fond dan ma kienx necessarjament ikkonsuma d-dawl u ilma hu.

Fil-fehma tat-Tribunal jidhirlu illi Infomate Limited kellha tinforma s-sid bil-kontijiet li kienet qed tircievi f'isem l-attur u mhux kemm tibghathom lura lill-mittenti. Fix-xhieda tal-Infomate Ltd din is-socjeta' kienet taf lil min kienu jsejjhu dawn il-kontijiet. It-Tribunal isib illi kif fil-fatt l-Infomate Limited hasbet ghar-rasa u ghamlet *interconnections* minghajr il-pemessi necessarji mill-awtorita' koncernata u cioe' l-korporazzjoni tal-Enemalta, is-socjeta' konvenuta facilment u konvenjentement kienet tibghat lura l-kontijiet minghajr ma turihom ghal ta' l-inqas lis-sid jew tinforma lill-Enemalta li Carmel Bruno m'ghadux inkwilin.

It-Tribunal huwa konvint illi kien iktar konvenjenti ghal-Infomate Limited kemm jibaghtu lura dawn il-kontijiet lil Enemalta.

Mix-xhieda dokumentali jidher illi a fol.25, li huwa il-kont dettaljat tul is-snin, jidher car illi wara ftit wara li giet intavolata din il-kawza ma kienx hemm iktar konsum minn dak il-*meter* izda baqa' jidher il-kera tal-arlogg biss.

It-Tribunal konvint illi ix-xhieda ta' Joseph Sultana hija inverosimili u li fil-fatt kienet is-socjeta' Infomate illi kienet qed tikkonsuma id-dawl u ilma f'isem l-attur.

Ghalhekk, fil-fehma tat-Tribunal hija s-socjeta' Infomate illi ghandha tirrispondi ghal dawn il-kontijiet ghal konsum ta' dawl u elettriku fil-fond li minnu kien jopera sall-1992 l-attur u liema kontijiet qed jigu mhallsa ratealment mill-attur lil-Korporazzjoni tal-Enemalta.

Dwar punt legali, it-Tribunal jirrilevva illi l-konvenuti taw eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghall-pretenzjonijiet attrici *in parte* ai termini tal-Art. 2156(f) tal-Kodici Civili cioe' il-preskrizzjoni kwinkwennali.

Illi t-Tribunal isib illi l-preskrizzjoni kif eccepita f'dan il-kaz tapplika u ghalhekk ghandha tigi akkolta.

Ghalhekk kwalunkwe' ammont finali li t-tribunal ha jasal ghalih ha jkollu jigi kkalkolat u bbazat sa hames snin qabel il-prezentata tal-Avviz u cioe' hames snin qabel it-18 ta' Jannar, 2005. Konsegwenetement, it-tribunal ha jiehu qies l-kontijiet minn Jannar, tas-sena 2000 sa Jannar tal- 2005.

Illi l-ammont mitlub ta' elf mija u erbgha u sebghin Lira Maltin u wiehed u sittin centezmi (LM1174.61) rapprezentanti kontijiet pendenti skond dokumenti prezentati fl-Atti tal-kawza jasslu sal-14 ta' Lulju, 2004. Illi t-talba giet intavolata fit-18 ta' Jannar, 2005. Illi l-ammont li t-Tribunal jista' jikkunsidra ghad-decizjoni finali huwa mill-14 ta' Lulju, tat-2004 meta l-ammont fil-kont kien ta' elf mija u erbgha u sebghin Lira Maltin u wiehed u sittin centezmi (LM1174.61), u cioe' l-ammont mitlub lura ghall-20 ta' Jannar tas-sena 2000 meta l-ammont kien jidher bhala sitt mija hamsa u ghoxrin Lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (LM625.77).

Fil-fehma tat-Tribunal l-ammont ta' sitt mija hamsa u ghoxrin Lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (LM625.77) huwa preskritt. Izda ghal fini tas-sentenza, jekk mill-ammont ta' elf mija u erbgha u sebghin Lira Maltin u wiehed u sittin centezmi (LM1174.61) jigu mnaqqsa sitt mija hamsa u ghoxrin Lira Maltin u sebgha u

sebghin centezmu (LM625.77) (ammont preskritt biz-zmien) l-ammont mitlub ghandu jigi ridott ghal LM548.84 .

Ghalhekk, fil-fehma tat-Tribunal it-talba gandha tigi ridotta ghal hames mija tmiena u erbghin Lira Maltin u erbgha u tmenin centezmi (LM548.84) li huwa ammont kkalkolat ghal hames snin minn qabel id-data tal-avviz.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici in parte f'somma ridotta u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta Infomate Limited thallas lill-attur is-somma ta' hames mija tmiena u erbghin Lira Maltin u erbgha u tmenin centezmi (LM548.84).

Spejjez a karigu tas-socjeta konvenuta Infomate Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------